# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Novembru 2021**

**Talba Nru: 532/2018 JG**
**Numru fuq il-lista: 1**

**Charles Pisani (ID 554734(M)) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetá J & C Pisani Limited (C 2300)**

**Vs**

**Direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetá Suda Entertainments Limited (C 43427 bħala operator ta' Pepenero (Heat) u Heat Lounge Bar**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-13 ta' Novembru 2018, permezz ta' liema, s-soċjetá attriċi talbet lil dan it-Tribunal sabiex is-soċjetá konvenuta tiġi kkundannata u ordnata tħallas lill-istess soċjetá attriċi[1] is-somma ta' elfejn, disa'

[1] Għalkemm f'dawn il-proċeduri, kif jirriżulta mill-okkju hekk kif miktub fl-istess Avviż, jidher li l-partijiet ġew miktuba bħala d-diretturi tas-soċjetajiet konċernati, huwa ovvju għal dan it-Tribunal li dawn il-proċeduri jikkonċernaw is-soċjetajiet bħala entitajiet separati u distinti. Hawnhekk għandu applikabilitá dak li jrid u jgħid l-artikolu 181A tal-Kapitolu 12 tal-

mija u disgħa u sebgħin Ewro u disgħin ċenteżmu (€2,979.90) u dan rappreżentanti prodotti fornuti u mhux imħallsa kif aħjar deskritti fl-istess Avviż[2]. Intalbu wkoll l-ispejjeż u imgħaxijiet. Ġew eżebiti wkoll fatturi rilevanti.

Ra r-Risposta għat-Talba ippreżentata fit-18 ta' Marzu 2019, permezz ta' liema, s-soċjetá konvenuta laqgħet għal din l-azzjoni billi eċċipiet li t-talbiet huma nfondata fil-fatt u fid-dritt, li l-ammont mitlub huwa preskritt a tenur tal-artikolu 2148(b) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u li l-ammont mhux dovut[3];

Ra x-xhieda ta' Ian Pisani u Noel Pisani, magħmula b'affidavit[4];

Ra x-xhieda in kontro-eżami tal-istess Ian Pisani u Noel Pisani[5];

Ra s-sentenza preliminari konċernanti l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, mogħtija minn dan it-Tribunal kif preċedentement presedut, permezz ta' liema dik l-eċċezzjoni ġiet miċħuda[6];

Ra d-digriet mogħti mil-Onor. Prim Imħallef ta' nhar it-28 ta' Ottubru 2020 tramite liema din it-talba ġiet assenjata lil dan it-Tribunal kif presedut[7];

Sema x-xhieda ta' Claudette Fenech[8] u ra d-dokument ppreżentat minnha;

---

Liġijiet ta' Malta. Dan l-artikolu ġie mdaħħal permezz tal-artikolu 90 tal-Att XXIV tas-sena 1995. Ikun utlili li dan jiġi mfakkar għaliex l-għan wara dik l-introduzzjoni kien propju sabiex jiġu simplifikati u mneħħija xi dubbji dwar f'liema vesti wieħed ikun qiegħed jipproċedi jew ikun qiegħed jiġi mħarrek.

[2] A fol 1 *et seq*.

[3] A fol 13.

[4] Nota relattiva tinsab a fol 18 tal-proċess.

[5] Magħmula fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2020.

[6] Sentenza tinsab a fol 38 *et seq* tal-proċess.

[7] A fol 49 tal-proċess.

[8] Seduta tal-14 ta' Jannar 2021.

Ra l-affidavit ta' Simon Pisani[9];

Ra dak li seħħ fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2021, fejn s-soċjetá konvenuta rrinunzjat għal kontro-eżami ta' Simon Pisani u l-partijiet talbu li jingħata differiment għall-probabbli transazzjoni u fin-nuqqas ta' ftehim, għat-trattazzjoni finali[10];

Sema' t-trattazzjoni finali da parti tas-soċjetá attriċi, liema trattazzjoni ġiet debitament reġistrata u traskritta kif ordnat, u dan wara li t-Tribunal ġie nfurmat li ma ntlaħaqx ftehim[11];

Ra li għalkemm s-soċjetá konvenuta ingħatat żmien sabiex tħejji nota ta' sottomissjoniet finali, hija baqgħet omissiva f'dan ir-rigward[12].

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi qabel mat-Tribunal iqis l-aspetti legali ta' din il-kwistjoni, tinħass il-ħtieġa li l-istess Tribunal jirrakkolji u jispjega, anke jekk brevement, x-xhieda miġbura f'dawn il-proċeduri. Dan qiegħed isir anke għaliex mhux x-xhieda kollha ġiet mismugħa minn dan it-Tribunal kif issa presedut, u għalhekk qiegħed jagħmel hekk sabiex iserraħ moħħ il-partijiet li dik ix-xhieda ġiet debitament mixtarra.

Illi jrid jingħad ukoll li fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2021 ġie dikjarat li l-provi miġjuba ai fini tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kienu jgħoddu wkoll għall-mertu

---

[9] Nota relattiva tinsab a fol 57 tal-proċess.
[10] Verbal relattiv jinsab a fol 76 tal-proċess.
[11] Trattazzjoni tibda a fol 84 tal-proċess.
[12] Ġie ordnat hekk fis-seduta tat-12 ta' Lulju 2021, wara li ħadd ma deher għas-soċjetá konvenuta.

ta' dawn il-proċeduri. Għalhekk dik ix-xhieda għada rilevanti għal din id-deċiżjoni.

Illi in suċċint, ix-xhieda kienet din li ssegwi.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed Noel Pisani, *general manager* tas-soċjetá attriċi[13]. Huwa jispjega li s-soċjetá attriċi kienet tipprovdi diversi prodotti tal-ikel lis-soċjetá konvenuta. Jikkonferma l-ammonti li għadhom pendenti u li ma tħallsux. Jgħid li saru diversi trattattivi sabiex dan l-ammont jitħallas u kien sar ftehim sabiex dan jitħallas mensilment fl-ammont ta' €200 fix-xahar. Jgħid li sussegwentement sar ftehim ieħor. Is-soċjetá konvenuta baqgħet ma ħallsitx. Ġiet eżebita dokumentazzjoni.

Illi l-istess xhud iddepona in kontro-eżami[14]. Hawnhekk jgħid li huwa kien jitkellem ma ċertu Claude, li skond hu kien propjetarju tas-soċjetá konvenuta. Jgħid lin-negozju dejjem sar miegħu.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed ukoll Ian Pisani, *head of finance,* tas-soċjetá attriċi. Jgħid li meta daħal hu f'din il-kariga kien mgħarraf li kien hemm diskussjonijiet fuq dan il-bilanċ. Jgħid li dawn it-tentattivi baqgħu għaddejjin u li s-soċjetá konvenuta irrikonoxxiet id-debitu, iżda ma ħallsitx.

Illi l-istess xhud iddepona in kontro-eżami[15]. Jikkonferma li huwa qatt ma tkellem ma rappreżentant tas-soċjetá konvenuta, iżda kien ikun infurmat minn kollegi tiegħu. Jgħid lir-rappreżentanza tas-soċjetá konvenuta hija fdata lil ċertu Octavio u persuna oħra. Ma jafx kunjomu.

---

[13] Affidavit jibda a fol 19 tal-proċess.
[14] Xhieda tibda a fol 32 tal-proċess.
[15] Xhieda tibda a fol 29 tal-proċess.

Illi xehdet ukoll Claudette Fenech, bħala rappreżentant tal-Malta Business Registry li ppreżentat il-*Memorandum and Articles* tas-soċjetá konvenuta[16]. Għalkemm ġie riżervat il-kontro-eżami, dan ġie mbagħad rinunzjat.

Illi xehed ukoll ċertu Charles Pisani, impjegat tas-soċjetá attriċi bħala *debt collector*. Huwa jikkonferma li kien hu li joħroġ rendikont kull xahar lill-klijenti tas-soċjetá attriċi. Jgħid li l-ammont mitlub huwa maqsum f'xogħol li ntużaw għal-żewġ stabbilimenti. Jikkonferma li kienu saru diversi laqgħat mas-soċjetá konvenuta sabiex tinstab soluzzjoni għal kif kellu jitħallas dan l-ammont. Jgħid li għalkemm kien hemm arranġament sabiex jitħallas b'ammonti fix-xahar, is-soċjetá konvenut ma ħallsitx. Ma sar l-ebda kontro-eżami lil dan ix-xhud.

Illi mill-*iter* proċesswali, jemerġi ċar li fil-verità, s-soċjetá konvenuta għażlet strateġija legali unika u ċioé dik li tgħid lis-soċjetá attriċi m'għandhiex dritt taġixxi minħabba t-trapass ta' żmien. Wara li dik l-eċċezzjoni ġiet imwarrba minn dan it-Tribunal diversament hija lanqas biss resqet prova waħda. Fit-tieni eċċezzjoni hija tgħid li l-ammont mhux dovut, iżda ma toffri l-ebda prova in sostenn ta' din l-eċċezzjoni, meta s-soċjetá attriċi, permezz tad-dokumentazzjoni u xhieda, uriet b'mod ieħor[17]. B'hekk jiġi lis-soċjetá konvenuta naqset milli ssewgi l-massima *reus in excipiendo fit actor*[18]. Wara kollox, eċċezzjoni bħal

---

[16] Xhieda tibda a fol 55. Dokument jinsab a fol 59.
[17] Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Emanuel Ellul et v. Anthony Busuttil,</u>** Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), (App Nru: 7/2010) mogħtija nhar is-7 ta' Mejju 2010, intqal hekk: "*huwa valevoli bosta li jigi sottolinejat illi l-piz probatorju tal-konvenut in sostenn ta' l-eccezzjoni tieghu tinsorgi fih meta l-attur minn naha tieghu jkun gab prova tal-fatti li jsostnu l-bazi tat-talba tieghu. Dan huwa hekk ghaliex l-insufficjenza jew in-nuqqas tal-provi tac-cirkostanzi dedotti mill-konvenut biex jikkumbatti l-pretensjoni ta' l-attur ma tiddispensax lil dan ta' l-ahhar mill-piz li adegwatament juri u jipprova l-legittimità u l-fondatezza tal-pretensjoni tieghu.*"
[18] Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Joseph Tonna vs Philip Azzopardi</u>** (Appell Ċivili Nru: 503/2002/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-12 ta' April, 2007 ġie ritenut hekk: *"ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-*

talba, tibqa mera allegazzjoni mingħajr is-sostenn tal-prova[19]. M'għandux ikun it-Tribunal li jagħmel dak li għandha tagħmel parti f'kawża[20].

Illi apparti minn hekk, u dan kif diġa ġie indikat hawn fuq, s-soċjetá konvenuta iddeċidiet (fl-istadju tal-ġbir tal-provi fil-mertu) li ma tħejji l-ebda kontro-interrogatorju għax-xhud Simon Pisani. Huwa prinċipju stabbilit fis-sistema ġuridika nostrana li għal dak li jikkonċerna n-nuqqas ta' utilizzar tal-kontro eżami, xhieda mogħtija in eżami li ma tiġix sottoposta għal xi forma ta' skrutinju tiġi qisha ġiet aċċettata bhala veritiera[21]. Dan it-tagħlim jinsab rifless ukoll f'diversi sentenzi tal-Qrati u tribunali nostrana[22]. Naturalment peró dan qiegħed

---

*attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu ('actori incumbit probatio'), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur ('reus in excipiendo fit actor')."*

[19] Fis-sentenza fl-ismijiet **F. Advertising Limited vs Simon Attard et** (Appell Ċivili Nru: 866/2007/1), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-21 ta' Mejju 2010, intqal hekk: *"Kif imtenni bosta drabi minn din il-Qorti, id-disponibilita` tal-provi hi dejjem mhollija fl-inizzjattiva tal-parti. Dan, multo magis, imbaghad in vista tal-principju generali li l-oneru tal-prova jaggrava dejjem fuq il-parti li tallega l-fatti migjuba biex issostni d-domanda. Jekk dan ma jsirx, u fid-djalettika processwali l-parti tonqos li ggib il-prova okkorrenti, dik l-istess parti ma tistax tlum lit-Tribunal milli jiddeciedi iuxta alligata et probata ghax dan hu wkoll principju konsagrat fid-duttrina procedurali u, in kwantu tali, jintitola lill-gudikant li jestraji d-decizjoni tieghu unikament mill-allegazzjonijiet provati, u mhux ukoll minn dak li messu ngieb ghab-bazi tad-domanda u baqa' ma giex offert bi prova konvinċenti".*

[20] F'dan is-sens, b'mod speċjali għal dak li jikkonċerna dan it-Tribunal, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Fallon Grech Blackman vs Lara Filletti**, (App Ċiv Nru: 474/2002/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-23 ta' Ġunju 2004 fejn dwar dan intqal hekk: *"B'danakollu dan ma jfisserx, ukoll, illi kien hemm xi obbligu fuq it-Tribunal f'dan il-kaz li jikkonduci hu l-provi tal-partijiet."*

[21] L-Awturi Richard Glover u Peter Murphy, fl-opra tagħhom **Murphy on Evidence** jgħidu hekk: *Failure to Cross-examine a witness who has given relevant evidence for the other side is held techincally to amount to an acceptance of the witness's evidence in chief. It is, therefore, not open to a party to impugn in a closing speech, or otherwise, the unchallened ebidence of a witness called by his opprononet, or even to seek to explain to the tribunal of fact the reason for the failure to cross-examine*" –XIII edizzjoni, a fol 632.

[22] *Vide inter alia,* is-sentenza fl-ismijiet **Michael Mangion et vs Il-Kontrollur tad-Dwana,** (Rik Nru: 1338/10 MCH), deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fit-18 ta' Lulju 2017. Wieħed huwa wkoll mistieden jara s-sentenza ta' dan it-Tribunal, diversament presedut, fl-ismijiet **Emanuel Esposito vs Carmelo Mugliett**, (Talba Nru: 208/2017 KCX) deċiża fid-9 ta' Jannar 2019 (mhux appellata).

jingħad fid-dawl tal-proċeduri sħaħ[23], fejn kif diġa ġie mfisser, s-soċjetá konvenuta kienet passiva[24].

Illi apparti minn hekk, s-soċjetá konvenut naqset milli b'xi mod tinnewtralizza dak li jirriżulta mill-korrispondenza, senjatament dak li ġie aċċettat minn Ottavio Suda[25]. Għal dan it-Tribunal, dik id-dikjarazzjoni, magħmula minn azzjonist tas-soċjetá konvenuta[26] għandha tingħata applikazzjoni għal dak li jrid l-artikolu 632(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[27]. L-istess jingħad għal-applikabilitá tal-artikolu 693 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[28], magħdud f'dan il-każ, ma dak li jrid l-artikolu 694 tal-istess Kapitolu[29].

Illi finalment, l-ammont mitlub jikkombaċja mad-dokumentazzjoni eżebita.

Illi in konklużjoni, għalkemm dan it-Tribunal huwa ben konxju ta' dak li jiddisponu l-artikolu 26Ċ tal-Kapitolu 13 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu

[23] Fis-sentenza fl-ismijiet **Knightsbridge Developments Limited (C-41829) vs Citadel Insurance plc,** (Rik Nru: 978/08 TA), deċiża fis-7 ta' Lulju 2017 (pendenti appel) ġiet ritenut hekk: *"Is-Socjeta` attrici tkompli targumenta fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha, li l-fatt wahdu li ma gewx kontro ezaminati x-xhieda taghha, li dak li qalu dawn ix-xhieda ghandu jittiehed bhala vangelu. Din il-Qorti ma taqbel xejn ma din il-posizzjoni. Li kieku s-Socjeta` konvenuta baqghet inattiva ghal kollox waqt il-kawza, kienet tkun storja ohra mil-lat ta' evalwazzjoni probatorja. Izda xhud mhux kontro-ezaminat, ix-xhieda tieghu xorta tista' tigi kkonfutata bi provi ohrajn li jitressqu waqt il-kawza. Il-provi li ghandhom iwasslu lill-Qorti biex tilhaq dak il-konvinciment necessarju fuq bilanc ta' probabbilitajiet huma varji. Xhieda mhux kontestata ghax ma sarx kontra ezami tax-xhud, ma jfissirx li din tibqa' wieqfa fuq saqajha, jekk jigu prodotti provi ohrajn li jinnewtralizzaw l-effikacja taghha, ghas-semplici raguni li ma jkunx sar il-kontro ezami tax-xhieda jew xhud."*
[24] Kien hemm aċċenn għal dan il-punt mid-difensur tas-soċjetá attriċi fit-trattazzjoni tal-għeluq.
[25] *Vide* korrispondenza eletronika li tinsab a fol 20 tal-proċess.
[26] Kif juri d-dokument eżebit minn Claudette Fenech.
[27] Dan l-artikolu jgħid hekk: *Kull dikjarazzjoni magħmula mill-parti kontra tagħha nfisha, u kull kitba oħra li jkun fiha konfessjonijiet, konvenzjonijietjew obbligi, jistgħu jinġiebu bi prova.*
[28] Dan l-artikolu jgħid hekk: *Kull ammissjoni ta' fatt, sew bil-miktub kemm bil-fomm, magħmula fil-qorti kemm barra mill-qorti, tista' tittieħed bħala prova kontra l-parti li tagħmilha.*
[29] Dan l-artikolu jgħid hekk: *L-ammissjoni magħmula barra mill-qorti ma tagħmilx prova ħlief kontra l-parti li tagħmilha.*

1141(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, peress li mid-dokumentazzjoni jirriżulta lis-soċjetá attriċi tat terminu ġdid mid-data tal-aħħar *statement* sabiex din tħallas, iqis li għandu joqgħod fuq ir-regoli ġenerali. Għalhekk sejjer jiġi utilizzat l-artikolu 1141(2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jiċħad l-eċċezzjoni rimanenti tas-soċjetá konvenuta, jilqá t-talba tas-soċjetá attriċi u jikkundanna lis-soċjetá konvenuta tħallas l-ammont mitlub ta' elfejn, disa' mija u disgħa u sebgħin Ewro u disgħin ċenteżmu (€2,979.90), bl-imgħax legali mill-10 ta' Lulju 2018[30] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-numru 836/18[31] jitħallsu interament mis-soċjetá konvenuta.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[30] Peress li ma ġietx eżebita kopja legali kontenenti d-data ta' notifika tal-ittra uffiċjali li saret qabel dawn il-proċeduri, it-Tribunal ma jistax huwa stess jistabbilixxi meta din ġiet notifikata. Madanakollu, peress li ġiet eżebita r-risposta għal din l-ittra, fl-10 ta' Lulju 2018, għal dan it-Tribunal dan ifisser li ċertament dakinhar, s-soċjetá konvenuta kienet taf li saret sejħa għal-ħlas b'dak l-att ġudizzjarju.

[31] Din, kif diġà spjegat ġiet eżebita u tinsab a fol 24 tal-proċess.